MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 306/2007

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

**vs**

**SADE COMPANY LIMITED bħala Debitur Prinċipali u Carmelina sive Lina Debono bħala garanti solidali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fis-16 ta' Marzu, 2007, li bih is-soċjeta' rikorrenti ippremettiet;

Illi l-Bank rikorrenti permezz ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia li jġibu d-dati tat-tletin (30) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) u l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) li kopji legali tagħhom huma hawn annessi u mmarkati Dok. "A" u Dok. "B" ikkonċeda lis-soċjeta' intimata Sade Company Limited faċilitajiet ta' *overdraft* u "Mastercard" u in forza ta' dawn

il-faċilitajiet l-imsemmija soċjeta’ sselfet flus mingħand il-Bank rikorrenti u għandha debitu bilanċjali komplessiv favur l-istess Bank rikorrenti ta’ tlieta u għoxrin elf, tlett mija u erbgħa u tmenin liri Maltin sitta u erbgħin ċenteżmi (Lm23.384.46) skond “*statements”* hawn annessi u mmarkati Dok. “C” u Dok. “D” bl-interessi kkalkolati sal-ħmistax (15) ta’ Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sittax (16) ta’ Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi s-soċjeta’ intimata ggarantiet l-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka ġenerali fuq ħwejjiġha kollha preżenti u futuri, u l-intimata Carmelina Debono ggarantit b’mod solidali l-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka ġenerali fuq il-ħwejjeġ kollha tagħha preżenti u futuri kif ukoll ipoteka speċjali fuq il-proprjeta’ f’Tas-Sliema skond kif aħjar deskritt fl-imsemmi kuntratt Dok. “B”;

Illi permezz ta’ skrittura privata li kopja awtentikata tagħha hija hawn annessa u mmarkata Dok. “E”, l-intimata Carmelina Debono iggarantiet solidalment mas-soċjeta’ intimata l-ħlas lura ta’ dan id-debitu sa l-ammont ta’ għoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) skond kif hemm aħjar deskritt;

Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu dan id-debitu anke uffiċjalment l-intimati baqgħu inadempjenti;

Rat it-talba tal-Bank rikorrent biex din il-Qorti tikkundanna:

1. Lill-intimati in solidum sabiex iħallsu lil Bank rikorrenti s-somma ta’ tlieta u għoxrin elf, tlett mija u erbgħa u tmenin Liri Maltin sitta u erbghin centezmi (Lm23,384.46) skond “*statements”* hawn annessi u mmarkati Dok. “C” u Dok. “D” bl-interessi kkalkolati sal-ħmistax (15) ta’ Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) oltre’ l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sittax (16) ta’ Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha inkluż il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra uffiċjali li ġġib id-data tas-16 ta’ Novembru, 2006 u bl-imgħaxijiet legali mis-16 ta’ Frar,

2007 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' intimata li d-diretturi tagħha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-intimata li hija wkoll minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat illi r-rikors gie debitament notifika lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien moghti lilhom mil-Liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank rikorrenti;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-istess rappreżentant waqt is-smigħ tal-lum;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-Bank rikorrenti kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-intimati u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mis-16 ta' Frar, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------